MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2006

Numru. 920/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur M Spiteri)**

**versus**

**George Grech**

Il-Qorti

1.Rat l-imputazzjoni dedotta kontra George Grech ta’ 44 sena bin il-mejjet Joseph u Carmela nee Azzopardi imwieled Bormla fis-6 t’Ottubru, 1960 u li joqgħod 29 Triq is-Sireni Islan u li fil-preżent qed joqgħod YMCA 182 Saint Paul’s Street Valletta u li huwa detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numriu 38261 (M)

2. Akkużat talli fl-14 ta’ Mejju 2005 ġewwa Antoine de Paule Band Club Raħal Ġdid għall-ħabta tat-tmienja ikkommeta serq ta’ flus (Lm266) mitejn u sitta u sittin lira

Maltija li jammontaw għal aktar minn mitt lira Maltija (Lm1000 iżda anqas min elf lira maltija (Lm1000) għad-dannu ta' Romina Abela minn San Ġwann liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-ħin u dan bi ksur ta' l-artikolu 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Il-Qorti ntalbet li barra l-piena tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kap 9 u li f'każ ta' sejbien ta' ħtija jkun applikat l-artikolu 533 tal-Kap 9.

4. Rat l-atti kollha tla-proċess inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-fedina penali ta' l-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid, ir-risposti ta' l-imputat li huwa ħati  u li ma kellu ebda oġġezzjoni li l-proċeduri jkunu sommarji, liema tweġibiet huwa kkonferma wara li ngħatalu ħin adegwat biex jirrifletti fuqhom;

5. Semgħet il-Prosekuzzjoni tgħid li l-flus ingħataw lura lid-derubat.

6. Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkonsidrat

7. Li ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjoni dedotta kontrih din hija ppruvata skond il-Liġi.

8. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261 (ċ) u (f), 267, 270 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u qed tikkundannah għall-piena ta' priġunerija ta' tnax-il xahar sospiżi għal sentejn ai termini ta' l-artikolu 28 A tal-Kap 9 kif ukoll qed tpoġġih taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal ta' superviżjoni għal perjodu ta' sentejn u dan ai termini ta' l-artikolu 28 G tal-Kap 9.  Il-Qorti spjegat l-artikoli 28A u 28G tal-Kap 9 fi kliem sempliċi lill-imputat.

9. Il-Qorti qed tordna komunika ta' din l-Ordni ta' Superviżjoni lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinħatar uffiċjal għal dan il-għan.

10. Fl-aħħarnett il-Qorti mhix qed tagħmel ebda ordni taħt l-ġartikolu 383 jew ta]t l-artikolu 533 għaliex ma jidhrilhiex li hemm bżonn li torbot lill-imputat b'obbligu u peress li ma saru ebda spejjeż peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------